# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

GHARGHUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-tmienja u erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 24 ta' Frar 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Alfred Muscat |
| | Michael Mifsud |
| **Agent Segretarju** | Mary E Azzopardi |

**Il-Vici Sindku kien skuzat ghax kien ma jiflahx. Il-Kunsillier Pio Fenech ma setax jattendi minhabba li kellu mpenji ohra.**

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.00p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 47**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Dawn gew emendati u wara approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Is-Sindku nforma li ghadna qed nistennew risposta minghand il-MEPA.

**3.2** ***Para 3.9–Hajt tas-Sejjieh fi Triq Ghaxqet l-Ghajn:*** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li nhar il-Hamis li gej ser jitkompla x-xoghol tal-konkos.

**3.3** ***Para 3.10 – Bankina Triq 31 ta' Marzu:*** Is-Sindku nforma li din ser ssir nhar il-Hamis li gej.

**3.4** ***Para 3.11 – Torri tas-Semaforu:*** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li l-bank tal-kcina qed jinhadem u tpogga l-madum tal-hajt. Konna tkellimna mal-Perit Serracino Inglott fejn dan taghna parir dwar il-bieb tat-*toilet*. Gie unanimament approvat li jinxtara dan il-bieb, li s-Sur Joe Mula jintalab jahdem ghatu ghal bir li jinsab fit-triq vicin it-torri kif ukoll jinxtara l-materjal mehtieg inkluza z-zebgha u siment sabiex jitkompla x-xoghol tar-restawr u issir il-*connection* tad-drenagg.

**3.5** ***Para 3.12 – Librerija:*** Is-Sindku nforma li d-data ghal ftuh tal-librerija pubblika hi s-6 ta' Marzu. Giet approvata unanimament il-lista ta' dawk li ser ikunu mistiedna li jattendu kif ukoll gie deciz li ssir bibita wara l-inawgurazzjoni tal-librerija. Gie deciz li tinxtara u titwahhal lapida kommemorattiva kif ukoll li l-Kunsill jaghmel donazzjoni ta' €500 lid-Dipartiment tal-Libreriji Pubblici sabiex jinxtraw aktar kotba u jitpoggew fil-librerija.

**3.6** ***Para 3.13 – Ktejjeb –Din l-Art Helwa:*** Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk wara li raw id-*draft version* tal-ktejjeb xtaqux li tizdied xi haga. Gie issuggerit li jekk inhu possibbli l-ismijiet tal-Kunsillieri jigu inkluzi fil-pagna fejn hemm riferenza ghall-Kunsill Lokali. Gie unanimament deciz li fuq kull pagna fin-naha ta' isfel hdejn Din l-Art Helwa jigi inkluz Kunsill Lokali Gharghur filwaqt li n-numru tal-pagna jigi fin-nofs.

**3.7** ***Para 7.10 – Lokalitajiet Sostenibbli:*** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li kienet ser ssir laqgha ghar-residenti kollha fit-8 t'April fl-10.30am u se jigi kelliem sabiex ifiehem lir-residenti dwar l-energija u kif din tista' tintuza ahjar minghajr hela. Ser jitqasssmu kotba ta' informazzjoni kemm bl-Ingliz kif ukoll bil-Malti.

**3.8** ***Para 8.4 – Bus Stop/Bus Bay 560:*** Is-Sindku nforma li kien intlahaq ftehim sabiex isir *Bus Terminus* fi Triq San Bartilmew. L-ADT kienu gew u ghamlu l-marki mehtiega.

**3.9** ***Para 9.1 – Triq Santa Katerina:*** Is-Sindku nforma li kien sar *co-ordination meeting* u issa qeghdin nistennew minghand il-*Water Services Corporation* biex naraw jekk hux behsiebhom jaghmlu xi xoghlijiet.

**3.10** ***Para 9.4 – Klieb Triq Santa Katerina:*** Is-Sindku nforma li baqghu jaslu ilmenti dwar klieb *strays* li allegatament huma ta' periklu ghal min jghaddi minn din it-triq. Gie deciz li nergghu niktbu lil Dr Mario Spiteri (*Vet Services*) u nitolbu li dawn il-klieb jingabru.

**3.11** ***Para 9.8 – Tabelli Merhba Gharghur:*** Is-Sindku nforma li dawn it-tabelli kienu gew ordnati.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent SE ipprezentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti.

## 5 Budget 2009/2010

**5.1** Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet ohra dwar il-Budget 2009/2010 li kien gie pprezentat fil-laqgha precedenti. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet dan gie unanimament approvat mill-Kunsill.

## 6 Laqgha tal-Lokalita 2009

**6.1** Is-Sindku informa li l-avviz tal-laqgha tal-Lokalita' kien gie inxaddar fuq ir-radju tal-lokal u ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll kienu saru *posters* madwar ir-rahal biex jinfurmaw lir-residenti. Il-Kunsill unanimament approva r-rapport li kien hejja s-Sindku sabiex jigi ipprezentat f'din il-laqgha.

**7 Ilmenti u Suggerimenti**

**7.1** Il-Kunsillier Alfred Muscat qal li kien ircieva ilmenti li sigra kibret u qeghda tghatti tabella fi Triq Ghaxqet l-Ghajn. Gie deciz li l-Kunsillier Muscat ghandu jkellem lis-sid ta' l-ghalqa fejn hemm din is-sigra u jitolbu sabiex jizborha. Jekk dan jonqos milli jaghmel hekk, l-ELC ghandhom jintalbu sabiex jizbruha.

**7.2** Talba minn resident biex jergghu jsiru l-bankijiet tal-konkos li kien hemm fi Triq il-Mithna. Gie unanimament deciz li dawn m'ghandhomx jitwahhlu peress li din hi triq pubblika u jekk dawn il-bankijiet jitwahhlu jostakolaw l-access bil-vetturi.

**7.3** Il-Kunsillier Alfred Muscat issuggerixxa li ghandha ssir laqgha mas-Supretendent Zammit sabiex nghaddulu l-ilmenti dwar l-ipparkjar abbusiv tal-karozzi tal-linja fil-Pjazza, l-installazzjoni ta' *Pelikan Lights* fil-Birguma by-Pass u dwar il-klieb *strays* li hawn jigru mar-rahal. Dan gie unanimament approvat u l-Agent S.E. intalbet sabiex taghmel l-arrangamenti mehtiega.

**8 Korrispondenza**

**8.1** Ittra li rcivejna fit-12 ta' Frar 2009 minghand is-Sur Martin Sapiano fuq *Gharghur Day at Bay Street*.

Din l-ittra giet innotata.

**8.2** Email li rcivejna fit-18 ta' Frar 2009 minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar laqgha ta' l-Awtorita dwar it-Trasport.

Din l-email giet innotata.

**8.3** Email li rcivejna fid-19 ta' Frar 2009 minghand l-APS Bank dwar *seminar* dwar *Ecosystem Based Fisheries Management Revisited*.

Din l-email giet innotata.

**8.4** Email li rcivejna fil-20 ta' Frar 2009 minghand il-*Field Services Branch* dwar Road *Signs and Markings Inspection*.

Din l-email giet innotata.

**8.5** Email li rcivejna fil-20 ta' Frar 2009 minghand Dr Chris Said dwar is-*Switch Campaign*.

Din l-email giet innotata.

**8.6** Email li rcivejna fis-17 ta' Frar 2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali – Memo 9/2009

Din l-email giet innotata.

**8.7** Email li rcivejna fit-18 ta' Frar 2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali – Memo 10/2009.

Din l-email giet innotata

**8.8** Email li rcivejna fid-19 ta' Frar 2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali – Memo 11/2009.

Din l-email giet innotata.

**8.9** Email li rcivejna fl-20 ta' Frar 2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali – Memo 12/2009.

Din l-email giet innotata.

**8.10** Email li rcivejna fit-23 ta' Frar 2009 minghand Across Limits dwar seminar ta' gurnata dwar libreriji u kultura.

Gie deciz li l-Kunsillier Pio Fenech jattendi ghal dan is-seminar.

**8.11** Email li rcivejna fit-23 ta' Frar 2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar seminar li se jsir - Dolceta – dwar l-edukazzjoni u lifelong skills.

Gie deciz li il-Vici-Sindku jattendi ghal dan is-seminar.

**8.12** Email li rcivejna fit-23 ta' Frar 2009 minghand it-TCTC dwar progetti tal-kompjuter.

Gie deciz li l-Kunsillier Pio Fenech jattendi ghal dan is-seminar.

**8.13** Email li rcivejna fis-17 ta' Frar 2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-*Covenant of Mayors*.

Din l-email giet innotata.

**8.14** Email li rcivejna fl-24 ta' Frar 2009 minghand l-Ufficcju tal-Prim Ministru – Memo 13/2009.

Din l-email giet innotata.

**8.15** Korrispondenza varja li rcivejna bejn is-16 ta' Frar 2009 u s-26 ta' Frar 2009 minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

## 9 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**9.1** Is-Sindku nforma li konna tlabna lil *Island Insurance Brokers* sabiex jigbrulna stimi sabiex jigu imgedda d-diversi poloz tas-sigurta' li ghandu l-Kunsill. Dawn infurmawna li huma kienu kellmu diversi kumpaniji ta' l-Assikurazzjoni li lkoll irrifjutaw li jaghtu stima peress li ma jridux joffru assikurazzjoni lill-Kunsilli Lokali. Il-*Brokers* tal-Kunsill issa qed jistennew stima minghand Citadel Insurance, l-kumpanija li maghha l-Kunsill ghandu l-poloz ezistenti. Dan kollu gie innotat..

**9.2** Is-Sindku nforma li din l-Art Helwa infurmatna li l-prezz tal-Ktieb 'Aghraf lir-Rahal Tieghek' kien ta' €2.50 jekk nixtru 80 kopja jew aktar. Gie unanimament deciz li nixtru 80 kopja.

**9.3** Is-Sindku nforma li l-Agent Segretarju kienet qed tirrezenja mill-kariga taghha minhabba ragunijiet ta' sahha peress li fil-granet li gejjin ser tkun rikoverata l-isptar. Hi pero' xtaqet li tkompli tahdem bhala Skrivana mal-Kunsill kif kienet qabel. Dan gie unanimament approvat mill-Kunsill. Is-Sindku informa ukoll li konna ktibna lid-Dipt. tal-Gvern Lokali dwar dan u wara gejna infurmati li l-Ministru kien ser jahtar lis-Sur Fabian Mizzi bhala Agent Segretarju. Il-Kunsill unanimament approva din il-hatra peress li s-Sur Mizzi hu midhla sew tal-Kunsill peress li kien diga hadem ghal diversi snin bhala Segretarju Ezekuttiv.

***Il-laqgha ntemmet fid-9.15 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghall-Hamis 12 ta' Marzu 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| Mario Gauci | Mary E Azzopardi | |
| Sindku | Agent Segretarju | Data |